MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2012

Avviz Numru. 385/2011

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif issurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Jean Pierre Deguara (ID 398981M), sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Jean Pierre Deguara**

**vs**

**Kunsill Lokali Hamrun, Kummissarju ta' l-Artijiet, Awtorita' ghat-Trasport f'Malta.**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' Novembru 2010 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallasuha s-somma ta' erbat elef, sitt mija u erbgha u tletin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€4,634.48) li jinkludu mija u ghoxrin Euro (€120) mhallsa bhala 'Excess' mill-assikurat tas-

socjeta rikorrenti, Jean Pierre Debono, rapprezentanti danni kkagunati in segwitu ta' incident li sehh fil-11 ta' Marzu 2010 quddiem il-binja 'Gattard House', fi Blata l-Bajda, limiti tal-Hamrun, f'liema incident kienet involuta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JMS 179 propjeta ta' l-assikurat tas-socjeta rikorrenti, li fil-hin ta' l-incident, kienet ipparkeggjata u dawna d-danni kienet dovuti meta hajt formanti parti mill-istruttura ta' triq pubblika ceda ghal fuq il-vettura imsemmija u dana unikament tort taghhom jew min minnhom minhabba negligenza, nuqqas ta' prudenza u imperizja da parti taghhom jew min minnhom;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tad-19 ta' Awissu 2010 u tas-26 ta' Lulju 2011 u bl-imghaxijiet legali sal-gurnata tal-pagamenti effettiv kontrihom, li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-Kunsill Lokali tal-Hamrun gie notifikat bl-avviz fil-25 ta' Jannar 2012, l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta giet notifikata fis-26 ta' Jannar 2012 u l-Kummissarju tal-Artijiet gie notifikat fil-25 ta' Jannar 2012.

Rat illi l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta ipprezentat ir-risposta taghha fil-15 ta' Frar 2012 filwaqt illi l-Kunsill Lokali tal-Hamrun ipprezenta r-riposta tieghu fit-22 ta' Frar 2012.

Rat illi l-Kummissarju ta'l-Artijiet, ghalkemm debitament notifikat bhal partijiet l-ohra, baqa' m' ghamel ebda risposta.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Frar 2012, gie ipprezentat kapitolu fil-konfront tal-Kummissarju ta' l-Artijiet u l-kawza giet differita ghas-subizzjoni ghas-7 ta' Mejju 2012.

Rat illi fis-7 ta' Mejju 2012, meta ssejjhet il-kawza, il-Kummissarju ta' l-Artijiet gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2012, il-Kummissarju tal-Artijiet reggha, ghal darba ohra, ma deherx u ghalhekk ma

kien hemm ebda raguni ghaliex dina l-Qorti ma kellhiex tghaddi biex tilqa’ t-talbiet attrici fil-konfront tal-Kummissarju tal-Artijiet.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba ta’l-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut Kummissarju ta’l-Artijiet ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbat elef, sitt mija u erbgha u tletin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€4,634.48) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenut Kummissarju ta’l-Artijiet w bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi.**

**Il-kawza differita ghat-12 ta’ Lulju 2012 ghall informazzjoni ulterjuri**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------